MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 2/2008

Joseph Buttigieg

vs

Valerie Meilak

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Jannar 2008, li jaqra hekk :-

Inti konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannata li 'thallas lill-attur l-ammont ta' elf sitt mija u tmintax –il Ewro u wiehed u disghin centezmi (€1618.91) ekwivalenti ghall-sitt mija u hamsa u disghin liri Maltin (Lm695) dovuti ghal xoghol u materjal u accessorji li saru fil-proprjeta' tal-konvenuta numru 20, Triq It-28 t'April 1688, Qala, Ghawdex, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenuta stess, u li ghalihom baqghet ma hallsitux minkejja li giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali numru

930/07 a tenur tal-artikolu 166A tal-Ka.12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali numru 930/07, bl-imghax, u l-konvenut ingunt in subizzjoni.' ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fil-5 ta' Mejju 2008, eccepiet :-

' It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet :

(1) Illi fl-ewwel lok stante l-komplessita' tal-mertu f'din il-kawza, li ma hiex semplici pretensjoni ta' kreditu, l-azzjoni kontemplata f'din il-kawza tezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u ghalhekk bir-rispett dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta' dan il-kaz (issir riferenza ghat-Talba Numru 217/2007 RFA fl-ismijiet : Paolo Bonnici Limited vs P.R. Co. Ltd., deciza fis-7 ta' Dicembru 2007 ;
(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol maghmul mill-attur ma giex maghmul skond is-sengha u l-arti u/jew mhux tal-kwalita' pattwita, u l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali li parti minnhom kellhom diga' jigu effettwati ;

(3) Illi f'kull kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-verbal tal-20 ta' Mejju 2008, li permezz tieghu l-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra wkoll l-atti tal-kawza Avviz numru 40/2008, fl-ismijiet : Peter Paul Grima vs Valerie Meilaq, li kienet miexja

kontestwalment ma’ din il-kawza u li l-provi f’wahda kellhom japplikaw ghal provi fil-kawza l-ohra, u *vice versa* ;

Zamm ukoll access fit-3 ta’ Gunju 2010, fil-fond residenza tal-konvenuta fi Triq It-28 t’April 1688, Qala, fejn saru x-xogholijiet mill-attur ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ xoghol imwettaq b’subappalt li l-attur jghid li gie mqabbad jaghmel fl-interess tal-konvenuta wara li l-appaltatur originali Peter Paul Grima kien waqaf jahdem minhabba problemi personali ta’ sahha, u kien qabdu biex ikomplilha x-xoghol hu fid-dar taghha numru 20, Triq It-28 t’April 1688, Qala, Ghawdex. Il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti :-

- F’Settembru 2006, il-konvenuta tat lil certu Peter Paul Grima b’appalt it-tikhil tad-dar taghha minn barra u minn gewwa, il-kisi’ tas-soqfa, it-tpoggija tal-madum, u l-moghdija tad-drenagg ;

- L-istima miftiehema bejn il-partijiet ghal dan ix-xoghol kienet ta’ elfejn u sebgha mitt liri Maltin (Lm2,700), illum ekwivalenti ghal €6289.30 ;

- Il-ftehim sar bil-fomm ;

- Il-provvista tal-materjal ghax-xoghol imwettaq mill-attur baqa’ a karigu tal-konvenuta ;

- Fi Frar 2007, dan Peter Paul Grima kien waqaf jahdem u mar l-Awstralja ghal xi zmien, u wara li gie lura ssokta jahdmilha ghal ftit taz-zmien iehor, u mbaghad informa lill-konvenuta li kien ser jiqfilha mix-xoghol ghal ragunijiet personali ta’ sahha, u li kien ser ikomplilha x-xoghol l-attur li kien fadallu jsir ;

- Fil-kors tal-esekuzzjoni tax-xoghol saru zidiet ta' xi *items*, li taghhom l-attur qed jitlob hlas addizzjonali ;

- Ix-xoghol ma tkompliex mill-konvenut, billi l-partijiet spiccaw bil-kwistjonijiet bejniethom peress li l-konvenuta ma kenitx soddisfatta bix-xogholijiet kif kienu qeghdin isiru mill-attur ;

- Illi l-konvenuta hallset lill-attur f'pagamenti s-somma ta' elfejn u disa' u erbghin Euro u hamsa u tmenin centemzi (€2049.85) mill-ftheim li skond hi, kellha mal-attur li thallsu u qeghdha tirrifjuta li thallsu l-bilanc ta' tliet mija u zewg Euro u tnejn u tmenin centezmi (€302.82) billi l-attur kien baqghalu xoghol x'jaghmel fid-dar taghha li baqa' m'ghamilx, u l-ghaliex ix-xoghol li ghamlilha ghamlu hazin u dahhalha fi spejjez zejda f'xogholijiet rimedjali ;

- L-attur jippretendi li l-bilanc li fadallu jigbor minghand il-konvenuta huwa aktar minn €302.82, u cioe' ta' elf sitt mija u tmintax –il Euro u tnejn u disghin centezmi (€1618.92) u dan bhala hlas ghax-xogholijiet li gew elenkati minnu fin-Nota tieghu tat-23 ta' Mejju 2008, esibita a fol.9 tal-process, u l-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-appalt kif kien gie miftiehem bejn l-attur u Peter Paul Grima ;

Illi l-ilmenti tal-konvenuta kif jirrizulta car minn Nota taghha tas-6 ta' Gunju 2008, a fol.110 huma principalment tlieta :

(a) Li l-attur ma esegwiex l-appalt kollu billi kien baqa' xoghol iehor x'jaghmel li m'ghamlux ;

(b) Li l-attur m'ghamel ebda xoghol iehor, u cioe' xoghol *extra* li ma kienx inkluz fil-ftehim, u ghalhekk m'ghandux dritt li jitlob hlas addizzjonali ghal xogholijiet li kienu nkluzi fl-appalt li l-attur kellu jkompli jesegwixxi ;

(c) Li x-xogholijiet li ghamel l-attur ma sarux sewwa , u skond l-arti u s-sengha, kif ukoll ma sarux skond kif kien miftiehem ;

Illi jirrizulta ndubbjament minn Noti rispettivi tal-partijiet a fol.9 u 10 tal-process, u mic-certifikat tal-perit arkittett Edward Scerri tas-16 ta’ Novembru 2007, dokument CB1 a fol.23, li x-xogholijiet li minnhom qeghdha tilmenta l-konvenuta li ma sarux sew u/jew li ma sarux skond kif kien miftiehem, huma xogholijiet li saru mill-attur u mhux minn Peter Paul Grima ;

Billi ma saret ebda kitba bejn il-partijiet, u lanqas ma’ Peter Paul Grima dwar l-*items* tax-xogholijiet li kellhom jigu esegwiti fl-appalt originali minn Grima, u li kellu jissokta jaghmilhom l-attur, mhuwiex car ghalhekk liema *items* minn dawk elenkati mill-attur fin-nota tieghu huma xogholijiet *extra* jew le. Il-prova li dawn huma xogholijiet *extra* kienet tinkombi fuq l-attur u mhux fuq il-konvenuta. Minn naha l-ohra pero’ lanqas m’ghandha dritt il-konvenuta la darba ma sarx ftehim car u bil-miktub, li tirrifjuta li thallas il-bilanc tal-prezz tal-appalt li kienet accettat li thallas semplicement il-ghaliex jidrilha li kien baqa’ xogholijiet x’isiru mill-appalt originali li ma sarux ;

Fost l-*items* li taghhom l-attur qed jitlob hlas addizzjonali hemm tal-hin zejjed li l-attur ha f’xoghol fuq zewgt ikmamar tal-banju, wahda fil-pjan terran u l-ohra fil-pjan ta’ fuq. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita’ li jara u jifli x-xoghol li sar mill-attur fuq dawn iz-zewgt ikmamar tal-banju, u jqis li l-ilmenti tal-atturi huma gustifikati billi x-xoghol fuq dawn iz-zewgt ikmamar tal-banju gie mal ezegwit minkejja li skond l-attur, huwa ha aktar sieghet ta’ xoghol minn normal biex lesta dawn iz-zewgt ikmamar kif xtaqet il-konvenuta. It-titjir fix-xfar tal-madum, l-umdita’ f’wiehed mill-hitan tal-kamra tal-banju ta’ isfel li tiela’ mill-parti ta’ wara ta’ fejn gie mqieghed il-banju, il-madum fil-koxxox tat-twieqi maqtugh b’mod irregolari, il-gonot tal-madum fil-koxxox tat-twieqi li twahhlu bil-maqlub bin-naha l-maqtugha ma twahhlitx fuq in-naha tat-tarf tat-tieqa fejn kellha titghatta bil-frame tat-tieqa, u l-mod xejn tajjeb kif twahhal il-madum fil-kantunieri tat-twieqi, u t-ticpis tal-grouting ta’ lewn kannella fis-saqaf, huma difetti li m’hemmx ghalfejn wiehed ikun xi espert tekniku jew xi bniedem ta’ sengha kbira biex wiehed jinnotahom biex

jasal ghall-gudizzju li x-xoghol fuq dawn iz-zewgt ikmamar ma sarx skond l-arti u s-sengha. Bizzejjed wiehed juza ftit sens komun u d-diligenza ta' *bonus pater familias*, biex jasal ghall-gudizzju li x-xoghol ma sarx sew. Kwistjoni din li tirriduci ruhha ghal kwistjoni ta' fatt u ta' provi. Wisq aktar dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attur qed jippretendi li jithallas ta' hin zejjed li ha f'xoghol *extra* fuq dawn iz-zewgt ikmamar meta huwa evidenti li x-xoghol sar bi traskuragni, bil-ghaggla, b'nuqqas ta' hila, b'ghoddod mhux adatti, u minghajr l-icken attenzjoni. Ghalhekk ma jqisx gustifikata t-talba tal-attur ghall-hlas addizzjonali ta' erbgha mija u seba' u erbghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€447.25) ghax-xoghol li huwa ghamel fuq dawn iz-zewgt ikmamar tal-banju. L-appaltatur kommissjonat minn bicca xoghol ghandu bi dmir l-oneru li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess u li dan ix-xoghol jezegwih tajjeb f'kull rispett ;

Dwar l-*items* l-ohra msemmija mill-attur fin-Nota tieghu a fol.9 tal-process, li huma markati minn numru wiehed (1) sa sitta (6), li taghhom l-attur qed jitlob hlas addizzjonali, hlief ghal item numru wiehed (1), dan it-Tribunal ma jqisx li t-talba tal-attur ghall-bqija tax-xogholijiet hemm elenkati bhala wahda gustifikata ;

Dwar item numru tnejn (2), m'hemmx dubbju li la darba fl-appalt originali kien hemm ftehim li jsir il-madum fl-art, hija haga logika u minn awl id-dinja li fl-istima originali kien hemm inkluz ukoll il-prezz sabiex dan il-madum jigi mhalleb bil-*grouting*. La darba l-appaltatur originali Peter Paul Buttigieg kien ghogbu li l-ewwel iwahhal il-madum qabel ix-xogholijiet li kellu jaghmel fil-hitan u fis-soqfa bil-konsegwenza li meta gie biex jithalleb il-madum dan kien kollu mimli trab u siment u kellu jitnaddaf, certament li tal-hin li l-attur ha biex gew imnaddfa l-fili qabel ma sar il-*grouting* m'ghandux jippretendi hlas zejjed minghand il-konvenuta l-ghaliex dan ix-xoghol zejjed kien bla dubbju dovut ghat-traskuragni li biha mexa Peter Paul Grima meta wahhal il-madum qabel ma lesta x-xogholijiet fuq il-hitan u fis-soqfa. L-istess jista' jinghad ghal-items numri tlieta (3), erbgha (4), u hamsa (5), li dan it-Tribunal mhuwiex qed jikkunsidrahom bhala xogholijiet *extra* ;

La darba fl-istima originali kien hemm il-ftehim li jsir ix-xoghol ta’ restawr u tikhil mill-gdid tal-faccata tad-dar, kif ukoll xoghol ta’ tikhil tal-hitan u kisi’ u tibjid tas-soqfa tad-dar minn gewwa, ix-xoghol li sar mill-attur li tieghu qed jippretedi hlas addizzjonali dan it-Tribunal jikkunsidrah li kien inkluz fl-istima tax-xogholijiet li kellhom isiru minn Peter Paul Grima, u ghalhekk meta l-attur ftiehem ma’ Peter Paul Grima li jissokta x-xogholijiet li Grima kien ghad fadallu jaghmel ghall-prezz ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), illum ekwivalenti ghal €2,795.25, huwa kien qed jaccetta li jkompli x-xoghol kollu a soddisfazzjon tal-konvenuta kemm fuq il-faccata tad-dar taghha, it-tibjid tas-saqaf tal-kcina kemm kien hemm bzonn biex libes dan is-saqaf, u l-kisi’ tas-siment ta’ partijiet mill-hitan tal-gnien. Dan it-Tribunal ma jqisx li dawn ix-xogholijiet kienu ta’ entita’ tali li jista’ jqishom gravuzi jew pregudizzjevoli ghall-attur, f’liema kaz kien ikollu dritt li jitlob zieda fil-prezz. Din il-materja hi ben spjegata fid-decizjoni fl-ismijiet : **Alessandro Manara vs Avv. Enrico C. Vassallo et nomine**, Appell Kummerc, 17 ta’ Ottubru 1919 (Kollez. Vol XXIV.i.964) fejn intqal li ‘*l’esecuzione dello appalto a prezzo fisso e` circoscritto dal piano stabilito, e la spesa delle opere da farsi entro i limiti del contratto e del piano stabilito e convenuto col committente, ha un carattere aleatorio per l’appaltatore il quale e` tenuto ad eseguire i lavori tracciati dal disegno a suo rischio e pericolo; e quante volte nel corso della costruzione fosse a sorgere la necessita` o la convenienza di opere aggiunte o di varianti non contemplate nell’originario disegno, l’imprenditore che pretendesse rivalsa contro il committente per quelle variazioni od aggiunte deve dimostrare che le stesse gli fossero state onerose, e cio in base al principio che il comittente deve fare conscio lo appaltatore che quelle opere siano fuori della previsione del contratto la cui spesa non potrebbe essere addossata all’imprenditore per scusa che il committente ne venisse ad arrischiarsi indebitamante*.’ Dan it-Tribunal wiezen il-provi kollha u ma jsibx li l-attur ghandu ragun. Ix-xogholijiet f’items 3, 4, u 5 kienu jirrientraw fit-termini tal-kuntratt, u ghalhekk il-konvenut m’ghandu ebda dritt li

jitlob zieda ghall-istess. Il-verzjoni tal-konvenuta mehuda fid-dawl ukoll ta’ dak li xehed Peter Paul Grima hi aktar qrib is-sewwa minn dik tal-attur kemm ghal dik li hi tifsira tal-ftehim, kif ukoll ghall-fatti l-ohra korrelatati mieghu ;

Anke’ ghax-xoghol tal-qtugh tal-madum ghall-*iskirting* li sar fis-sular ta’ isfel, dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li ghandu jaghti dan il-hlas lill-attur minhabba l-fatt li dan l-iskirting li wahhal l-attur, meta wahlu huwa ghatta l-qatran u beda tiela’ l-umdita’ u l-melh mal-hitan, u l-konvenuta kellha terga’ taqilghu, tnaddaf il-madum, u terga’ twahhlu b’haddiehor a spejjez taghha. L-attur stess jikkonferma li l-*iskirting* kien twahhal hazin tant li kien accetta li tax-xoghol tieghu biex wahhal dan l-iskirting ma kien zammilha xejn avolja ma kienx kontemplat fl-istima originali. L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li ’l quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" [Appell Inferjuri, **Pierre Darmanin vs Moira Agius et**, 6 ta’ Ottubru 2004]. Inghad ukoll illi l-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez ta' l-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali ta' l-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna ta' l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika. [Prim’Awla, **Raphael Micallef vs Anthony Agius**, 9 ta’ Gunju 2004] ;

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, ix-xoghol li gie esegwit mill-attur, u n-nuqqasijiet li gew rilevati mill-Perit Arkitett Edward Scerri fic-certifikat esibit a fol.21, dan it-Tribunal ma jqisx pero’ li n-nuqqas tal-attur kien wiehed sostanzjali, ghalkemm l-appaltatur jibqa’ obbligat jew li jirripara u jaghmel tajjeb ghad-difett jew li jaccetta riduzzjoni mill-prezz tal-appat. Stante li ma saret ebda kontro-talba mill-konvenuta f’dan ir-rigward ghal xoghol mal ezegwit, dan it-Tribunal mhu ser jillikwida ebda danni. Kif qalet il-

Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza : **Zahra vs Fino**, deciza fid-29 ta' Ottubru, 1998, f'kawza ghall-hlas ta' xoghol esegwit tista' issir kontro-talba ghad-danni rizultanti minn xoghol hazin, li pero' f'dan il-kaz kontro-talba baqghet ma saritx. Madanakollu meta x-xoghol ma jkunx sar ghal kollox skond l-arti u s-sengha, hemm lok ghal riduzzjoni tal-prezz tal-appalt biex taghmel tajjeb ghax-xoghol li jrid isir biex ix-xoghol jigi rrangat jew irfinat. Dan it-Tribunal minn dak li osserva waqt l-access li zamm fil-fond tal-konvenuta sata' jinnota li kemm ix-xoghol li sar fuq il-faccata sata' jsir b'mod aktar irfinut li kieku sar b'aktar galbu u pacenzja mill-attur, kif ukoll certu xoghol li sar god-dar seta' sar ferm ahjar bi ftit ta' attenzjoni minghjr il-htega ta' xi hila straordinarja, u bizzejjed giet uzata dik id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja. L-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma `*bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti*', u fejn ma hemmx patti espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kienetx illi kellu jinghata xoghol hazin [Prim'Awla, **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana**, 9 ta' Ottubru 2003]. Dan it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha qed jordna tnaqqis mill-bilanc tal-prezz tal-appalt dovut mill-konvenuta lill-attur fl-ammont ta' tliet mitt Euro (€300), liema somma qed tigi ffissata *ex aequo et bono* biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez tax-xoghol rimedjali biex it-titjir tal-lavur fil-faccata jigi kemm jista' jkun immewwet jew eliminat, isir xoghol rimedjali ta' rfinar fuq certu xoghol li sar mill-attur god-dar, u jsir ukoll xoghol fil-kmamar tal-banju biex jitranga l-madum li twahhal hazin fil-koxxox tat-twieqi, u tigi eliminata l-umdita' li tiela' mal-hajt fejn l-attur wahhal il-banju. Din is-somma hekk iffissata dan it-Tribunal iqisha somma pjuttost konservattiva meta wiehed iqis il-prezzijiet kurrenti tal-*mano d'opera* ;

Il-konvenuta tilmenta wkoll mill-fatt li l-attur dam ma esegwixxa x-xogholijiet u li kien jigi jahdmilha meta kien ifettillu. La darba ma sarx ftehim bil-miktub b'termini cari mhuwiex car ghalhekk it-terminu li gie appost ghall-esekuzzjoni tal-appalt. Wiehed ghalhekk jistaqsi jekk l-attur setghax jesegwixxi l-appalt f'kull zmien. Huwa riportat li meta ma jkun hemm ebda zmien stabbilit ghall-

esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, dan ifisser li allura l-appaltatur seta' jesegwixxi l-appalt f'kull zmien, dejjem pero' jekk ma jigix provat li gie kostitwit in mora. Dan ghaliex skond il-ligi taghna meta l-konvenzjoni ma tiffissax terminu ghal kompiment ta' l-obbligazzjoni assunta mhux bizzejjed biex l-appaltatur jigi dikjarat inadempjenti, imma jehtieg li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tieghu ghal dak l-effett b'interpellazzjoni gudizzjarja da parte tal-appaltant. Dan jista' jigi hekk rikavat mill-konfront tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 1077, 1078 u 1130 tal-Kodici Civili. Ara f'dan ir-rigward id-decizjonijiet fl-ismijiet : **Charles Portelli et vs Joseph Darmanin et pro et noe**, Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar 1959 u **John Fenech vs Napoleone Grech**, Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1961. Ma jirrizultax mill-atti li l-attur qatt kien gie kostitwit in mora b'att gudizzjarju mill-konvenuta. Il-protesti verbali li kien hemm jew seta' kien hemm da parti tal-konvenuta ma jibbastawx. Dan ghaliex '*dove la legge esige che certe interpellazioni perche` siano produttive di effetti giuridici debbono rivestire la forma dell'atto giudiziario non e` lecito ritenere che vi possa supplire la protesta verbale o scritta fatta altrimenti che per organo del tribunal.*' [Appell Kummercjali, **Giuseppa Cilia vs Giuseppe di R. Wismayer**, 13 ta' April 1921]. Ghalhekk dan it-Tribunal ma jqisx gustifikata l-pretensjoni tal-attrici li zzomm mill-bilanc tal-prezz tal-appalt il-ghaliex skond hi, l-attur ma esegwiex l-appalt fiz-zmien miftiehem ;

Il-ftehim bejn l-attur u Peter Paul Buttigieg kien li l-attur jaghmel ix-xoghol kollu li kien baqghalu jsir ghall-prezz ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200), illum ekwivalenti ghal €2,795.25. Il-konvenuta taccetta li oltre l-prezz miftiehem tal-appalt, l-attur wahhal parti mill-*covers* tal-gebel fil-ventilaturi u saret xibka warajhom, kif ukoll bajjad xi hitan u soqfa bis-*sealer* u ta' dan ix-xoghol dan it-Tribunal iqis li s-somma ta' mitejn Euro (€200) hija fic-cirkostazi hlas gust u adegwat ghal dan ix-xoghol. Il-konvenuta kienet hallset lill-attur pagament akkont fis-somma ta' elfejn u disa' u erbghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€2049.85). Meta jigi mnaqqas l-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) li dan it-Tribunal iffissa bhala somma li ghandha

taghmel tajjeb biex isiru xi xogholijiet rimedjali, l-ammont li l-konvenuta fadlilha thallas lill-attur minn €2995.25, huwa ta' sitt mija u hamsa u erbghin Euro u erbghin centezmi (€645.40) ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin Euro u erbghin centezmi (€645.40), bhala bilanc lilu dovut ghax-xoghol li gie minnu mwettaq fid-dar tal-konvenuta, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma, bl-imghaxijiet li ghandhom jiddekorru b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------